# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

## IT-TIELET SENA STUDJI SOĊJALI (ĠENERALI) ĦIN: SIEGĦA U NOFS

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

**Taqsima A**
**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

Is-soċjeta' għandha interess fis-saħħa. Ċittadini b'saħħithom jagħmlu soċjeta' b'saħħitha. Ċittadini b'saħħithom jitgħallmu aħjar, jaħdmu aktar, jagħtu servizzi aħjar lis-soċjeta'. Dan jgħin sabiex l-istituzzjonijiet tas-soċjeta', bħall-edukazzjoni u l-ekonomija, ikunu aktar b'saħħithom. Is-soċjeta' tipprovdi servizzi tas-saħħa u tassigura li ċ-ċittadini kollha jagħmlu użu minn dawn is-servizzi. F'dan is-sens is-saħħa għandha dimensjoni soċjali.
Edukazzjoni dwar is-saħħa tfisser aktar minn informazzjoni dwar is-servizzi tas-saħħa fil-pajjiż. Tfisser qabel xejn li nitgħallmu dwar stili ta' ħajja u imġiba li jġibu 'l quddiem lil saħħitna.

1 Xi tfisser il-kelma saħħa skond il-W.H.O.(L-Għaqda Dinjija tas-Saħħa)? 2 marki

2 Kif tħares is-saħħa tan-nies tad-dinja l-Għaqda Dinjija Tas-Saħħa? 4 marki

3 Spjega is-sentenza li "ċittadini b'saħħithom jagħmlu soċjeta' aħjar." Agħti eżempji biex turi kif dan jista' jsir? 4 marki

4 X'tip ta' servizzi tas-saħħa tipprovdi s-soċjeta' biex tgħin liċ-ċittadin jieħu ħsieb saħħtu? Agħti eżempji. 4 marki

5 Xi rwol għandha l-edukazzjoni fil-qasam tas-saħħa? 2 marki

6 Semmi żewġ ċentri tas-saħħa li għandna f'Malta. 2 marki

7 Xi tfisser "kura preventiva"? X'tip ta' servizzi jipprovdi l-Istat f'dan il-qasam? 4 marki

8 Semmi żewġ istituzzjonijiet internazzjonali li jippromwovu is-saħħa. 2 marki

9 X'rabta tara bejn il-ħin tal-mistrieħ u s-saħħa? 3 marki

10 Kif nistgħu nuru solidarjeta' ma' min hu marid? 3 marki

**Total 30 marka**

**Taqsima B**
**Agħti tifsira ta' dawn il-kliem.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. Solidarjeta' | 2. Stil ta' ħajja | 3. Normi ta' mġiba | 4. Konsumatur | 5. Settur terzjarju ta' l-ekonomija |
| 6. Valuri ċiviċi | 7. Demokrazija | 8. Drittijiet tal-bniedem | 9. Soċjeta' | 10.Ġustizzja |

**20 marka**

**Taqsima Ċ**
**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fl-ispazju provdut**

1 Min huwa ċ-ċittadin? Xi tfisser il-frażi "inkunu ċittadini attivi"?

**4 marki**

2 Min huwa r-refuġjat? Xi drittijiet għandhom ir-refuġjati meta jissettiljaw f'pajjiż ieħor? Xi jridu jagħmlu biex jieħdu l-istatus ta' refuġjati?

**6 marki**

3 X'tifhem bl-espressjoni "il-ġid nazzjonali"?

**3 marki**

4 Liema huma t-tliet setturi ta' l-ekonomija?

**3 marki**

5 Il-konsumatur għandu kemm drittijiet kif ukoll dmirijiet. Ikteb żewġ dmirijiet kif ukoll żewġ drittijiet.tal-konsumatur.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**4 marki**

6 Xi tfisser il-kelma "xogħol" skond l-I.L.O.?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**2 marki**

7 X'inhu r-rwol tal-mezzi ta' komunikazzjoni fis-soċjeta'?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**3 marki**
**Total 25 marka**

**Taqsima D**
**<u>Agħżel wieħed minn dawn u ikteb madwar 300 kelma dwaru</u>**

1 Il-pluraliżmu fil-mezzi tal-komunikazzjoni.

2 Is-saħħa tal-bniedem ma tiddependix biss mill-individwu, imma mill-ambjent li jgħix fih. Iddiskuti.

3 Is-sitwazzjonijiet differenti fid-dinja juruna li mhux kulħadd igawdi mill-istess drittijiet. Agħti r-raġunijiet għaliex u x'jista' jsir, kemm mill-individwi kif ukoll mill-organizzazzjonijiet, biex din is-sitwazzjoni tirranġa.

4 X'inhuma l-effetti fuq l-ambjent ta'soċjetajiet konsumeristi?

**Total 25 marka**